**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 49

Data tal-laqgħa: 21 ta' Frar, 2018

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 21 ta' Frar 2018 fis-6.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Victoire Muscat |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.10p.m. billi ntqalet it-talba.

**49/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**49/01/01** Ma kienx hemm ittri ta' Apoloġija.

**49/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħat Numru 47 u 48**

**49/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**49/02/02** **Para 47/02/02:** Il-Kunsill għadu ma rċeviex risposta mingħand il-Lands fuq il-kamra li applikajna sabiex tiġi devoluta lilna ħalli tintuża bħala librerija u fuq it-Torri tas-Semaforu sabiex ikun jista' jinkera ħalli jintuża għall-esibizzjonijiet.

**49/02/03** **Para 47/02/03:** Fuq ir-*Revised Street Light Program*, is-Sindku spjega li *website* l-ġdida bdiet taħdem.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**49/02/04** **Para 47/02/05:** Fuq id-diversi toqob li jridu jsiru mill-ħaddiema tad-dipartiment tax-xogħlijiet, ix-xogħol għadu pendenti.

**49/02/05** **Para 47/02/06:** Mil-lum Triq Għaxqet l-Għajn (min-naħa ta’ Birguma) saret *one-way* mis-6:00a.m.-9:00a.m. Għaldaqstant saru ż-żewġ tabelli tal-*one-way* u t-tabella *No access to Gharghur*

**49/02/06** **Para 47/02/09:** Fuq id-diversi xogħlijiet ta’ bankini, is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiltaqa’ ma’ Sur Mario Mallia.

**49/02/07** **Para 47/02/16:** Fuq it-talba ta’ Sinjura Marthese Mifsud sabiex issir *shade* mal-bozza, din saret.

**49/02/08** **Para 47/03/04:** Is-Sindku qal li l-laqgħa mal-Pulizija u l-għaqdiet konċernati rigward l-attività ta’ Ħadd il-Palm ħa ssir nhar is-7 ta’ Marzu fis-2:00p.m.

**49/02/09** **Para 47/05/17:** Fuq l-ilment ta’ Sur Douglas Azzopardi rigward bankina perikoluża fi Triq Dun S. Zarb is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma lill-Pulizija.

**49/02/10** **Para 47/05/18:** Fuq is-suġġeriment ta’ Sur Simon Camilleri sabiex faċċata tal-entratura tal-garaxxijiet jiġi *double yellow line* peress li ma jkunx jista’ jidħol fil-garaxx tiegħu li jinsab fi Triq il-Wieħed u Tletin ta’ Marzu fin-niżla. Is-site-visit saret u t-talba ma ntlaqatx peress li s-Sur Camilleri jista’ jdur ma’ roundabout biex jidħol fil-garaxx tiegħu.

**49/02/11** **Para 47/05/24:** Is-Sindku qal li x-xogħol tal-qtugħ tal-ħaxix sar.

**49/02/12** **Para 47/05/25:** Fuq is-suġġeriment sabiex issir biċċa bankina fi Triq Santa Marija taż-Żellieqa, is-Sur Mario Gauci għandu jibgħat ritratt lis-SE tal-post fejn għandha tiġi.

**49/02/13** **Para 47/05/26:** Fuq it-talba ta’ residenti għal *double yellow line* fi Triq Mons Luigi Catania peress li kienu qegħdin jipparkjaw fil-kantuniera sar.

**49/02/14** **Para 47/05/28:** Kemm il-fanal ta’ Triq Kromb il-Baħar kif ukoll iz-*zebra crossing* ta’ Triq Stiefnu Zerafa ssewwew.

**49/02/15** **Para 47/05/30:** Is-Sindku qal li l-kaxxa ħamra li kien hemm fi Triq San Bartilmew issa tneħħiet.

**49/02/16** **Para 47/05/31:** Bħalissa qegħdin fil-proċess biex napplikaw għas-servizz tal-ilma għal Ġnien ta’ Żagħruna.

**49/02/17** **Para 47/05/34:** Is-Sindku qal li l-*monitor* għar-*reception* inxtara u ġie ffirmat il-*leasing agreement* għal *photocopier*.

**49/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**49/03/01** Is-Sindku preżenta lista tal-proġetti fejn spjega li *resurfacing* ta' Sqaq il-Maħruq lest minn kollox; Fuq ir-*resurfacing* ta' Triq Fra D. Mifsud jonqos l-aħħar pagament f'April li ġej; Rigward il-kamra tal-ATM din qed taħdem kif pjannat; Fuq it-tisbiħ tal-Ġnien ta' Żagħruna, x-xogħol tlesta fil-ħin u li dan ġie ffinanzjat kompletament mill-fondi tal-UIF; Fuq il-proġett tal-*Victoria Lines* dan rrid isir mill-Gvern Ċentrali;

Barra minn hekk, f'Marzu għandu jibda x-xogħol sabiex isiru erba' *gym equipment* fi Ġnien il-Paċi;

Din is-sena tajna t-*tarmac* fi Sqaq fi Triq San Ġwann u li parti mill-ispejjeż (€3490) ser titħallas mir-Reġjun Tramuntana;

Rigward il-proġett ta' xiri ta' fanali ġodda, l-Inġ. Mario Sammut għandu jipprepara proposta sabiex inkunu nistgħu napplikaw għal fondi tal-UIF.

Fix-xhur li ġejjin għandu jibda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Sqaq ix-Xagħjrat, Sqaq iċ-Ċawl, Sqaq il-Qiegħed, Triq Santa Marija taż-Żellieqa, Sqaq il-Ħofra, Sqaq Santa Marija taż-Żellieqa, Sqaq il-Balal u Sqaq f'tal-Ferħa permezz tal-fondi mill-Miżura 4.3.

Is-Sindku qal li biex issir il-proġett fi Triq Għaxqet l-Għajn fil-parti pedonali jrid jinħareġ tender. Ser nicekjaw mal-perit x'materjali irid jintuza.

Rigward il-Ġnien fiż-żona ta' Top of the World is-Sindku propona li jsir permezz tal-fondi tal-Majjistral Action Group Foundation la darba dawn johrogu. L-ewwel pero il-progett irid ikun approvat mill-awtorita tal-ppjannar.

Fuq il-*patching* f'parti minn Triq San Ġwann is-Sur Aquilina qal li mhux ħa ssir minn Transport Malta. Għaldaqstant, is-Sur Mario Gauci ssuggerixxa li ssir bankina u l-kumplament tiġi bit-tarmac. Kien hemm qbil u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv ħa titlob stima lir-*Road Servicing Limited*.

Fl-aħħar u mhux l-inqas is-Sindku tkellem dwar il-proġett ta' *Traffic Lights* fi Triq il-Ġnien. Bejn wieħed u ieħor dan il-proġett ser jiġi jiswa madwar €4,200 mingħajr VAT. Kien hemm qbil unanimu.

**49/03/02** Is-Sindku ressaq li jsiru l-attivitajiet relatati ma' Jum il-Għargħur bis-sehem tal-għaqdiet. Kien hemm qbil unanimu.

**49/03/03** Is-Sur Aquilina qal li l-attività tal-Karnival tħassret minħabba l-maltemp.

**49/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**49/04/01** Ma kienx hemm.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**49/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**49/05/01** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Adrian Mifsud – Direttiva 3/2017 – Linji Gwida tal-2017 Templates Terms of Reference: Accountant / Accounting Technician.

**49/05/02** Il-Kunsill irċieva Works Order Quotation mingħand il-Projects Implementation Directorate għal bankina ġdida quddiem Borg Furniture fi Triq Santa Katerina. L-ammont li jrid jitħallas huwa €232.94. Il-Kunsill approva din l-istima.

**49/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority.

**49/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mario Fava – Cir AKL 2018/009 – Laqgħa tas-Sindki, 24 ta' Marzu 2018. Is-Sindku Ġiljan Aquilina ħa jattendi għal din il-laqgħa.

**49/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mario Fava – Cir AKL 2018/014 – WiFi4EU Sejħa għall-Kunsilli Lokali. L-iskop ta' dan il-proġett huwa li jitwassal il-wifi f'postijiet daqsxejn (u mhux ħafna) romoti. Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lill-Assoċjazzjoni li aħna interessati li nibbenifikaw min dan il-proġett sabiex ikun hemm WiFi kemm f'Top of the world kif ukoll ħdejn id-Duluri fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**49/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sinjura Marisa Pisani rigward l-applikazzjoni tagħna dwar l-attività 'Carnival in Ħal Għargħur', Ħuġġieġa ta' San Ġwann u Għargħur mal-Medda taż-Żmien. Is-Sinjura Pisani nfurmatna li l-applikazzjonijiet tagħna ma ġabux marki biżżejjed waqt l-evalwazzjoni sabiex jikkwalifikaw taħt l-Iskema Inizjattiva Finanzjarja – Local Government Culture Fund 2018-2020.

**49/05/07** Il-Kunsill irċieva stima mingħand il-Perit Chris Grech għal proġett ta' Triq Għaxqet l-Għajn għal Triq u Ġnien. Bażikament 1% għal preparazzjoni tal-BOQ u Ewro 700 għal preparazzjoni ta' specs, pjanti u provisions. Il-Kunsill qabel li nitolbu iktar informazzjoni lil Perit Grech rigward il-materjal li ser jintuża.

**49/05/08** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sinjura Denise Polley fejn qed titlob li jitneħħa r-Reserved Parking li hemm quddiem id-dar numru 37 fi Triq Mons Luigi Catania peress mhux jintuza. Barra minn hekk is-Sinjura Polley qalet ukoll li din it-triq ma għandix tibqa' 'two-way' peress li dejqa u jipparkjaw mal-ġenb ta' triq. Il-Kunsill ma laqax it-talba ta' Sinjura Polley sabiex jitneħħa r-Reserved Parking dan għaliex sar bl-approvazzjoni ta' TM. Il-Kunsill ma jaqbilx li Triq Mons Luigi Catania tiġi 'one-way'.

**49/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Joseph Pisani biex nagħlqu l-kont tal-bank relatat mal-proġetti tar-RDP 2007-2013.

**49/05/10** Il-Kunsill irċieva stima mingħand Firetech għal Traffic Light System għal Triq il-Ġnien. It-total huwa €4,200. Kien hemm qbil unanimu li tinxtara din is-sistema.

**49/05/11** Fuq is-suġġerimenti ta' Sur Hector Borg fuq l-għeluq ta' Triq Fidiel Zarb. Is-Sur Borg talab li r-residenti jiġu nfurmati tal-inqas 5 t'ijiem tax-xogħol qabel id-data tal-għeluq; Li fuq l-avviżi jkun hemm id-data ta' meta nħarġu u li dawn l-istess avviżi jitqassmu lir-residenti; Li l-Applikant ikunu avżati li ma jistawx jużaw trakkijiet kbar; Li triq ma

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

tingħalaqx nhar ta' Sibt. Ġie deċiż li r-residenti jiġu nfurmati tal-inqas 3 t'ijiem tax-xogħol qabel id-data tal-għeluq u li ma jistawx jużaw trakkijiet kbar. Barra minn hekk il-Kunsill qabel li Triq Fidiel Zarb ma tistax tingħalaq nhar ta' Sibt minflok nhar t'Erbgħa. Dawn il-bidliet għandhom jidħlu fis-seħħ mill-ewwel t'April u ħa jitqassam avviż bieb bieb lir-residenti kollha ta' din it-triq.

**49/05/12** Fuq it-talba ta' Sinjura Gabriella Attard Grech għal *yellow line* quddiem id-dar tas- Sinjura Grech. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li quddiem ir-residenza tagħha hemm bankina.

**49/05/13** Fuq it-talba ta' Sinjura Lourdes Sciberras fejn qed titlob permess għal mera fuq pole fi Triq San Ġwann – Il-Kunsilll qabel li l-ewwel issir site-visit fuq il-post u jekk hemm post issir.

**49/05/14** Fuq is-suġġerimenti ta' Sinjura Victoria Fenech sabiex isir *dog bin* ħdejn ir-*roundabout* fi Triq San Ġwann – Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li diġà ha/wn ħafna *dog bins* madwar il-Għargħur.

**49/05/15** Fuq it-talba għal tabella sabiex ma jgħaddux trakkijiet kbar minn Triq il-Kbira - Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li diġà hemm waħda.

**49/05/16** Fuq it-talba ta' Sur Manuel Bezzina għal *double yellow line* fuq ix-xellug u fuq il-lemin tal-garaxx tiegħu li jinsab fi Sqaq il-Ħofra. Il-Kunsill qabel li s-SE tmur fuq il-post u li tara jekk tistax issir kaxxa safra.

**49/05/17** Fuq it-talba ta' Sinjura Joanna Borg sabiex issir kaxxa safra quddiem garaxx fi Triq Stiefnu Zerafa – Il-Kunsill qabel li ssir.

**49/05/18** Fuq l-ilment li l-wardens qed jgħatu ċitazzjonijiet f'Misraħ il-Knisja għax il-karozzi qed ikunu pparkjati f'inqas minn 5 metri mill-kantuniera – Il-Kunsill qabel li jsiru 4 kaxxi tal-parkeġġ. Ix-xogħol ħa jsir minn Glen Agius tas-Signmark.

**49/05/19** Fuq it-talba ta' Sur Philip Sammut għal refund ta' €160 peress li allegatament għamel ħsara fir-rim u tyre tal-karozza waqt li kien għaddej minn Triq Santa Katerina fid-direzzjoni tas-Swieqi nhar it-12 ta' Frar 2018 fis-7:30pm. Il-Kunsill qabel li s-SE tistaqsi jekk is-Sur Sammut għamilx rapport mal-Pulizija.

**49/05/20** Fuq it-talba ta' Sinjura Annunzjata Vella sabiex issir tarġa oħra fuq il-bankina quddiem 153, fi Triq il-Wieħed u Tletin Marzu – Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li ma nistawx ngħatu dawn it-tip ta' permessi. Is-Sinjura Vella tista' tagħmel għatba tal-injam temporanja li titneħħa wara li tintuza.

**49/05/21** Fuq is-suġġeriment ta' Sinjura Dolly Bezzina sabiex issir *sleeping police* fil-bidu ta' Triq Naxxar – Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li mhemmx bżonnha.

**49/05/22** Is-Sur Mark Azzopardi spjega li l-*bus-stop* ta' Triq San Bartilmew huwa *bus-stop* u mhux venda għaldaqstant saħaq li l-karozza tal-linja għandha tieqaf fi Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu u meta jsir il-ħin tmur fuq il-*bus-stop* ta' Triq San Bartilmew tgħabbi u titlaq. Is-

Sur Mario Gauci qal li fil-passat il-Kunsill kien talab lil Transport Malta sabiex issir venda fi Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu. Il-Kunsill qabel li nerġgħu niktbu lil Transport Malta.

**49/05/23** Is-Sur Azzopardi ressaq li jsir *refreshing* ta' Triq Fidiel Zarb. Kien hemm qbil unanimu.

**49/05/24** Is-Sur Mark Azzopardi ressaq ilment li hemm ħofra kbira l-isfel mill-Palazz tal-Kmand fi Triq il-Ġnien. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tibgħat ħaddiem sabiex jimla' din il-ħofra bil-*cold asphalt* malajr kemm jista' jkun.

**49/05/25** Is-Sindku ressaq ilment ta' Sinjura Grace Azzopardi sabiex jerġa' jsir id-*double yellow line* li kien tħassar. Il-Kunsill ma laqax din it-talba u għalhekk kollox ħa jibqa' l-istess.

19:18 Is-Sur Mario Gauci talab lill-Kunsill sabiex jiġi skużat. Din it-talba ġiet milqugħa minn dawk preżenti.

**49/05/26** Is-Sur Christopher Fenech qal li s-safra ħa ssir bejn is-27 u 29 t'April.

**49/05/27** Is-Sur Fenech ressq li jsiru tliet tabelli ġodda, tabella ta' *sleeping police* fi Triq Għaxqet l-Għajn, tabella oħra biex l-adulti ma jħallux it-tfal waħedhom u tabella *one-way* għal Triq il-Ġnien. Kien hemm qbil li jsiru.

**49/05/28** Is-Sur Christopher Fenech qal li l-Kappillan jixtieq jirranġa z-zuntier tal-knisja. Dan għaliex kull darba qed jidħlu fih il-karozzi u għalhekk hemm bżonn li jsiru u-bars dekorattivi fuq iż-żewġ naħat taz-zuntier. Is-Sur Mark Azzopardi qal li ma' dawn il-u-bars nistgħu npoġġu wkoll pots bil-fjuri. Il-Kunsill qabel li ssir *site-visit* mal-Kappillan u li nġibu tliet stimi sal-laqgħa li jmiss. Is-Sur Fenech żid jgħid li trid issir *information panel* dwar il-knisja tar-raħal. Kullħadd qabel li ssir.

**49/05/29** Is-Sur Fenech ressaq li ssir forma ta' grada madwar il-monument tal-Pjazza sabiex ma jibqgħux deħlin fih il-karozzi. Is-Sur Mark Azzopardi għandu jibgħat disinn ta' kif għandha tkun il-grada. Il-Kunsill qabel li dan id-disinn ħa jitressaq fil-laqgħa li jmiss.

**49/05/30** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li ssir camera f'Misraħ il-Knisja ħalli n-nies ikunu jistgħu jaraw dak kollu li jkun qed iseħħ fil-pjazza tar-raħal permezz tal-*live streaming*. B'hekk attivitajiet bħal festa, Jum il-Għargħur u l-Ġimgħa l-Kbira jkunu jistgħu jitgawdew kemm mill-Maltin kif ukoll mill-barranin. Il-Kunsill qabel li nġibu tliet stimi.

**49/05/31** Is-Sur Fenech qal li r-residenti ta' Triq Katerina Sammut huma urtati bl-istat ħażin li tinsab fih din it-triq. Għaldaqstant talab li nibagħtu ittra lil Planning Authority ħalli jibagħtu uffiċċjal tagħhom sabiex jara li ma sarx xi żvilupp illegali. Is-Sur Fenech qal li għandna nibagħtu ittra lil Onor. Dr Ian Borg ħalli jsir ir-*resurfacing* ta' din it-triq peress li qatt ma sar għal ġid tar-residenti. Barra minn hekk, talab li s-Segretarju Eżekuttiv tibgħat avviż lir-residenti ta' din it-triq ħalli dawn ikunu nfurmati. Kien hemm qbil unanimu.

**49/05/32** Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li tinxtara *external hard disk* peress li għandna bħalissa bil-ħsara. Kien hemm qbil unanimu li nixtru waħda ġdida.

**49/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**49/06/01** Ma kienx hemm.

**49/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**49/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**49/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**49/08/01** Il-laqgħa spiċċat fit-08:00p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 21 ta' Marzu 2018 fis-6:00pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Ġiljan Aquilina**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**